MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-3 ta' April, 2008

Numru 17/2006

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Nazzarene Muscat**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 17 tas-sena 2006 kontra l-akkuzati Nazzarene Muscat u Clayton Galea, li bih huma gew akkuzati talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap talli ghall-bidu tas-sena elfejn u erba (2004), Clayton Galea kien sar midhla ta' Nazzarene Muscat. Clayton Galea allura kien jaf li dan Nazzarene Muscat kien involut u implikat fit-tmexxija tad-droga, ossia medicini perikoluzi f'diversi bnadi ta' Malta.

F'Lulju tas-sena 2004, it-tnejn li huma kienu ltaqghu gewwa Bulebel Industrial Estate, Zejtun, Malta. Kien

Nazzarene Muscat li beda jipprova ihajjar lil Clayton Galea sabiex jidhol socju mieghu fit-traffikar tad-droga f'Malta. Ghall-ewwel, Clayton Galea rrezista it-tentazzjonijiet li Nazzarene Muscat kien qieghed jipprova jwaqqu fihom. Pero', eventwalment Clayton Galea spicca sabiex waqa' ghal dawk it-tentazzjonijiet, aktar u aktar meta ntebah bil-prezz gholi li d-droga kienet iggib fis-suq lokali, partikolarment meta tinbiegh illegalment fit-toroq.

Mela kien ghal habta ta' Gunju tas-sena 2004 li Nazzarene Muscat u Clayton Galea dahlu socji ma' xulxin u ftehemu li jinvolvu ruhhom fit-traffikar tad-droga f'Malta. L-imsemmija Nazzarene Muscat u Clayton Galea ma kienux licenzjati skond il-Ligi biex jimpurtaw, ibieghu jew jittraffikaw medicina perikoluza f'Malta. Wara li ftehemu, kkumbinaw bejniethom il-mezzi li bihom kellhom jimxu fl-esekuzzjoni ta' dan il-pjan miftiehem bejniethom. Dawn kienu li Nazzarene Muscat jippresta l-uzu tal-appartament tieghu gewwa z-Zejtun, fejn seta' jahbi w jahzen id-droga li minn zmien ghal zmien kien jipprokura, mentri Clayton Galea kellu jirrealizza l-kuntatti lokali sabiex id-droga setghet tinbiegh u r-rikavat taghha jinqasam bejniethom ilkoll.

Fortunatament, il-Pulizija Maltija kienet qeghda tircevi taghrif anonimu u xort'ohra dwar din l-attivita' ta' dawn iz-zewg persuni. Kien ghalhekk li l-Pulizija bdiet izzomm l-inhawi tal-appartament in kwistjoni taht sorveljanza stretta, f'liema perjodu ta' sorveljanza rnexxielha anke tara u tosserva direttament lil dawn iz-zewg persuni jahznu w jippakkjaw r-raza f'pakketti differenti. Huma nqabdu fil-fatt bil-pussess komuni tal-imsemmija droga mill-Pulizija Maltija biex b'hekk din l-assocjazzjoni ta' bejniethom fit-traffikar tad-droga giet sfrattata w intemmet fix-xejn.

Illi b'eghmilhom, l-imsemmija Nazzarene Muscat u Clayton Galea saru hatja talli assocjaw ruhhom ma' persuni ohra f'Malta w ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimportaw, ibieghu jew jitraffikaw medicina w droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwovew,

ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw din l-assocjazzjoni.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmija Nazzarene Muscat u Clayton Galea hatja talli assocjaw ruhhom ma' persuni ohra f'Malta w ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimportaw, ibieghu jew jittraffikaw medicina w droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwovew, ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw din l-assocjazzjoni.

Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzati skond il-ligi, w illi kull wiehed minnhom jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (Lm1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (Lm50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 15A, 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(c)(d), 22(f) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u fl-artikoli 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista’ tinghata skond kif jigu ddikjarati hatja l-akkuzati.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi minn tfittxija li l-Pulizija ghamlet fit-tnax ta’ Lulju tas-sena 2004, fiz-Zejtun u f’appartament gewwa Triq Xandru Pulis, Zejtun, kif ukoll fl-inhawi tal-istess appartament, instab li Nazzarene Muscat u Clayton Galea kienu fil-pussess xjenti ta’ kwantita’ kbira ta’ raza mehuda mill-pjanta cannabis. Minbarra li nstabu hafna affarijiet li ghandhom x’jaqsmu mal-abbuz tad-droga, bhal karti w kuccarini, nstabu wkoll hames sapuniet tar-raza tal-cannabis, b’piz ta’ cirka il-fuq minn kilo.

Ghalkemm Nazzarene Muscat kien ivvizjat bid-droga, tant li kien juza ghalih innifsu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis, din il-kwantita’ ferm kbira ta’ raza mehuda mill-pjanta cannabis kienet intiza sabiex tigi mghoddija lil

haddiehor f'Malta, bi skop ta' qliegh. Originarjament, din il-kwantita' ta' raza kienet giet ipprokurata minn Nazzarene Muscat u Clayton Galea flimkien. Ftit jiem qabel, u cioe' ghall-habta ta' Gunju tas-sena 2004, it-tnejn li huma kienu ssiehbu fil-pussess ta' din id-droga fic-cirkostanzi w bl-ghanijiet imsemmija fil-kap precedenti.

Ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis hija medicina perikoluza ikkontrollata bil-ligi taht l-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, w ma kien hemm ebda licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi li tawtorizza l-importazzjoni tad-droga perikoluza msemmija.

Illi b'eghmilhom l-imsemmija Nazzarene Muscat u Clayton Galea saru hatja talli kellhom fil-pussess taghhom d-droga raza mehuda mill-pjanta cannabis li ghalija tapplika it-Taqsima III tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap.101) u meta ma kienux bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew ifornu d-droga msemmija w ma kienux b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta w ma kienux awtorizzati bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N.292/39) jew b' xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollhom dik id-droga fil-pussess taghhom u dik id-droga ma gietx fornita lilhom ghall-uzu taghhom skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija; b'dan, li r-reat kien wiehed taht tali cirkustanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv taghhom.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmija Nazzarene Muscat u Clayton Galea, hatja talli kellhom fil-pussess taghhom d-droga raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, li ghalihom tapplika it-Taqsima III tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib

Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap.101) u meta ma kienux bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew ifornu d-droga msemmija w ma kienux b' xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta w ma kienux awtorizzati bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N.292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollhom dik id-droga fil-pussess taghhom u dik id-droga ma gietx fornita lilhom ghall-uzu taghhom skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija; b' dan, li r-reat kien wiehed taht tali cirkustanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv taghhom.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzati w illi kull wiehed minnhom  jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (Lm1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (Lm50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 8(a)(b), 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(ii), 22(2)(b)(i) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u r-regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N.292/39) u fl-artikoli 23, 20, 17(b)  u 533 tal-Kodici Kriminali,  jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmija akkuzati.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi mill-investigazzjonijiet ulterjuri tal-assocjazzjoni w pussess tad-droga kif deskritt fil-kapi precedenti,  rrizulta lill-Pulizija li Nazzarene Muscat kien, sia fit-12 ta’ Lulju, 2004, kif ukoll fil-perjodu tal-erba’ gimghat ta’ qabel, abbuza mill-meter tal-kurrent elettriku. Dana sar billi huwa waqqaf l-arlogg tad-dawl b’ bicca apparat, halli b’hekk ma jigix irregistrat l-konsum tal-kurrent elettriku. Konsegwentement, Nazzarene Muscat volontarjament ikkaguna hsara fis-sistema tal-apparat kollu.

B’ hekk, Nazzarene Muscat irrenda ruhu hati talli volontarjament ghamel hsara fil-makkinarju jew fil-gumni tal-elettriku w ikkaguna t-telf tal-kurrent elettriku.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Nazzarene Muscat, hati talli volontarjament ghamel hsara fil-makkinarju jew fil-gumni tal-elettriku, w ikkaguna t-telf tal-kurrent elettriku.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat w illi jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sentejn, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 326(1)(c), 264(1)(2), 20, 23, 17(b), u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

4. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-Raba’ Kap illi minn tfittxija li saret mill-Pulizija nhar it-12 ta’ Lulju, 2004, gewwa r-residenza ta’ Nazzarene Muscat fi-Zejtun, u partikolarment gewwa l-garaxx fejn dana kien jahzen u jipprepara r-raza ghat-traffikar, instab li l-istess Nazzarene Muscat kien xjentement fil-pussess ta’ pistola bil-munizzjon relattiv, u li huwa kien xtara w ipprokura illegalment xi gimghat qabel, u dan minghajr ma kellu licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija ghal dan il-pussess.

Din id-darba, Nazzarene Muscat ikkommetta ir-reat ta’ pussess illegali ta’ arma tan-nar u munizzjon.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Nazzarene Muscat, hati talli, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, zamm f’xi fond arma tan-nar jew munizzjon.

Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi, w li huwa jigi ikkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal zmien ta' minn tlett xhur sa’ tlett snin, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 3(1), 19, u 27 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta’ Malta, jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista’ tinghata skond kif jigi iddikjarat hati l-akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat ir-rikors konguntiv tal-Prosekuzzjoni w tal-akkuzat tas-27 ta' Marzu, 2008, li bih, wara li ppremettew li huma kienu qablu li, fl-eventwalita' li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkuzat ghall-akkuzi migjuba kontrieh, il-piena li ghandha tigi nflitta fuq l-akkuzat ghandha tkun wahda ta' prigunerija ghal periodu ta' tmin snin w multa ta' ghoxrin elf Euro (€20,000) oltre s-sanzjonijiet u l-konsegwenzi ohra tassattivi ghad-dikjarazzjoni w sejbien ta' htija ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 101, inkluz, imma mhux biss, il-konfiska ta' kwalunkwe flejjes u tal-proprjeta' immobbli w mobbli tal-akkuzat, talbu li din il-Qorti tikkundanna lill-akkuzat ghall-piena fuq imsemmija ai termini tal-art. 453A (1) (2) tal-Kodici Kriminali.

Rat id-digriet taghha tal-1 t'April, 2008 li bih, wara li rat ir-rikors konguntiv tal-Avukat Generali w tal-akkuzat Nazzarene Muscat tas-27 ta' Marzu, 2008, peress li wara li ezaminat bir-reqqa l-atti kollha processwali, f'dak l-istadju ma kienetx sodisfatta li s-sanzjoni jew il-mizura, jew il-kombinazzjoni tas-sanzjonijiet u/jew mizuri mitluba huma tali li jkun legittimu ghaliha li timponi mas-sejbien ta' htija ghar-reati li dwarhom Nazzarene Muscat jinsab akkuzat u wara li rat l-artikolu 453A(2) tal-Kodici Kriminali, f'dak l-istadju cahdet it-talba.

Rat illi waqt is-seduta tal-1 t' April, 2008, l-akkuzat, mistoqsi jekk hux hati skond l-Att tal-Akkuza, wiegeb billi stqarr li hu kien hati tar-reati hemm dedotti kontra tieghu;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-twegiba w tatu ftit taz-zmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkuzat baqgha jtenni t-twegiba li hu kien hati;

Rat it-talba maghmula seduta stante mill-abbli prosekutur Dottor Aaron Bugeja biex f' dak l-istadju issehh is-separazzjoni tal-gudizzju bejn il-kawza tal-akkuzat u dik tal-ko-akkuzat Clayton Galea.

Rat id-Digriet Taghha tal-1 t' April, 2008, li bih laqghet it-talba tal-Prosekuzzjoni w ordnat is-separazzjoni tal-gudizzju.

Tiddikjara ghalhekk lil Nazzarene Muscat :-

1. hati talli fiz-Zejtun u bnadi ohra f' dawn il-Gzejjer, fit-12 ta'Lulju, 2004 u fil-granet ta' qabel din id-data, assocja ruhu ma' persuni ohra f'Malta sabiex jimporta, jbiegh jew jittraffika medicina w droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, kkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni w dana skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza;

2. hati talli, fiz-Zejtun u bnadi ohra f' dawn il-Gzejjer , fit-12 ta' Lulju, 2004 u fil-granet ta' qabel din id-data, kellu fil-pussess tieghu d-droga raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, li ghalihom tapplika it-Taqsima III tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w ma kienx b' xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta w ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N.292/39) jew b' xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija; b' dan, li r-reat kien wiehed taht tali cirkustanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu w dan skond it-tieni kap tal-Att ta'l-Akkuza.

3. hati talli fiz-Zejtun fir-residenza tieghu, fit-12 ta' Lulju, 2004, kif ukoll fil-perjodu tal-erba' gimghat ta' qabel, abbuza mill-meter tal-kurrent elettriku w b' hekk, irrenda ruhu hati talli volontarjament ghamel hsara fil-makkinarju

jew fil-gumni tal-elettriku w ikkaguna t-telf tal-kurrent elettriku w dan skond it-tielet kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuza.

4. hati talli fit-12 ta’ Lulju, 2004, gewwa r-residenza tieghu fiz-Zejtun, u partikolarment gewwa l-garaxx, kien fil-pussess illegali ta’ arma tan-nar u munizzjon u dan minghajr ma kellu licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija ghal dan il-pussess, u dan skond ir-raba’ Kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuza.

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w ezaminata mid-difiza.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur Dr. J. Herrera, li jinsabu kollha registrati w senjatament (imma mhux biss) is-segwenti:-

Li l-hati kellu fedina penali nadifa w ma kellux kazijiet ohra pendenti fil-Qrati.

Li l-Qorti kellha tqis precedenti ohra fejn f’ sentenzi recenti w partikolarment fil-kawzi **“Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Noaman Emhemmed Ramadan El Arnauti”,**[22.05.2003], **“Ir-Republika ta’ Malta vs. Walter John Cassar”** [29.03.2007] u **“Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Alex Mallia”** [27.2.2008] inghatat piena li kienet tirrendi dik miftehma fir-rikors tal-Avukat Generali w tal-Akkuzat wahda xierqa fic-cirkostanzi w ghalhekk din il-Qorti kellha tigi gwidata minn dawk il-pieni biex jinzamm proporzjon.

Li ghalkemm il-Ligi taghna ma taghmilx distinzjoni bejn id-droga cannabis u drogi ohra, huwa fatt li l-cannabis ma taghmilx hsara daqs drogi ohrajn.

Li l-probbabilta’ kienet li kieku l-volum tad-droga elevat kien ftit inqas, il-kawza kienet tintbaghat biex tigi trattata w deciza quddiem Magistrat.

Li l-fatt li kaz tad-drogi jintbaghat biex jigi deciz quddiem il-Qorti Kriminali mhux bil-fors ifisser li l-prosekuzzjoni tkun

trid li tinghata piena aktar minn dik li taqa' taht il-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati imma jista' jkun li dan isir biex il-process jigi celebrat b'aktar solennita'.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutur Dr. Aaron Bugeja li aderixxa mas-sottommissjonijiet tad-difiza.

Ikkonsidrat;

Qieset li skond il-proviso tal-artikolu 22(2)(a)(i)(aa) tal-Kap.101, meta l- Qorti tkun tal-fehma li meta tqis l-eta' tal-hati, l-kondotta ta' qabel tal-hati, l-kwantita' tal-medicina w x-xorta w l-kwantita' tat-taghmir jew materjal, jekk ikun il-kaz, involuti fir-reat u c-cirkostanzi l-ohra kollha tar-reat, il-piena ta' prigunerija ghall-ghomor ma tkunx dik xierqa, f' kazijiet bhal dawn il-Qorti tista' tikkundanna lill-persuna misjuba hatja ghall-prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn erba snin izda mhux izjed minn tletin sena w multa ta' mhux inqas minn elfejn, tlitt mija w disgha w ghoxrin Ewro u sebgha w tletin centezmu (Eur.2329.37c), ekwivalenti ghall-elf lira Maltin, izda mhux izjed minn mija w sittax il-elf, erba mija u tminja w sittin Ewro u seba w sittin centezmu (Eur.116,468.67c), ekwivalenti ghal hamsin elf lira Maltin.

Qieset ukoll ghall-fini tal-piena, li r-reat t' assocjazzjoni taht l-ewwel kap ta' l-Att ta' l-Akkuza ghandu jigi assorbit fir-reat ta' pussess, hekk imsejjah, 'aggravat' taht it-tieni Kap tal-Att ta' l-Akkuza billi serva bhala mezz biex seta' jigi kommess dan l-ahhar reat u dan a tenur tal-Artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali.

Qieset ukoll li f' dan il-kaz, pero', apparti r-reati konnessi mad-droga, l-hati ammetta r-reat ta' danni fil-gumni tad-dawl elettriku, reat li hu punibbli b' massimu ta' sentejn prigunerija, kif ukoll ir-reat ta' pussess illegali ta' arma w munizzjoni punibbli b' massimu ta' tlitt snin prigunerija, u dawn il-pieni jridu jittiehdu in konsiderazzjoni ukoll f' dan il-kaz bl-applikazzjoni tal-principji tal-konkors tal-pieni skond l-artikolu 17 (b) tal-Kodici Kriminali.

Ikkonsidrat;

Illi l-kazijiet citati mill-abbli difensur kollha kienu jirrigwardaw ammissjoni qabel ma gie furmat il-guri, kif gara f' dan il-kaz.

Qieset ghalhekk il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-hati jammetti l-htijiet tieghu fi stadju kmieni tal-process u b'hekk jiffranka hafna xoghol u spejjez inutili ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja; (Ara **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi",** Qorti Kriminali, [24.2.1997] ; **"Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa",** Qorti tal-Appell Kriminali, [7.7.2002]u ohrajn). F'din l-ahhar sentenza ta' Testa, dik il-Qorti kienet irriproduciet il-bran segwenti mill-**BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE** , (Blackstone Press Limited – 2001 edit. ecc.) :-

**"Although this principle [that the length of a prison sentence is normally reduced in the light of a plea of guilty] is very well established , the extent of the appropriate "discount" has never been fixed. In *Buffery* ( [1992] 14 Cr. App. R. (S) 511) Lord Taylor CJ indicated that "something in the order of one-third would very often be an appropriate discount", but much depends on the facts of the case and the timeliness of the plea. In determining the extent of the discount, the court may have regard to the strength of the case against the offender . An offender who voluntarily surrenders himself to the police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount. (*Hoult* (1990) 12 Cr. App. R. (S) 180; *Claydon* (1993) 15 Cr. App. R. (S) 526 ) and so may an offender who , as well as pleading guilty himself , has given evidence against a co-accused (*Wood* [1997] 1 Cr. App. R. (S) 347 ) and/or given significant help to the authorities ( *Guy* [1992] 2 Cr. App. R. (S) 24 ). Where an offender has been caught <u>red handed and a guilty plea is inevitable, any discount may be reduced or lost</u> (*Morris* [1998] 10 Cr. App. R. (S) 216; *Landy* [1995] 16 Cr. App. R. (S) 908 ) . Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons, such as**

**where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage (*Hollington* [1985] 85 Cr. App. R. 281; *Okee* [1998] 2 Cr. App. R. (S) 199.) Similarily , some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty but adduces a version of the facts at odds with that put forward by the prosecution , requiring the court to conduct an inquiry into the facts (*Williams* [1990] 12 Cr. App. R. (S) 415.) The leading case in this area is *Costen* [1989] 11 Cr. App. R. (S) 182 , where the Court of Appeal confirmed that the discount may be lost in any of the following circumstances : (i) where the protection of the public made it necessary that a long sentence , possibly the maximum sentence, be passed; (ii) cases of 'tactical plea' , where the offender delayed his plea until the final moment in a case where he could not hope to put up much of a defence , and (iii) where the offender has been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain …..”** (sottolinear ta'din il-Qorti)

Ikkonsidrat ;

Hu minnu li l-hati, meta finalment l-kawza giet appuntata ghas-smiegh quddiem din il-Qorti, ammetta l-akkuzi kollha, imma fic-cirkostanzi meta wiehed iqis “***iter”*** tal-process ma jistax jintqal li f'dan il-kaz kien hemm xi ammissjoni bikrija, li tkun awtomatikament tintitola lill-hati ghal xi riduzzjoni sostanzjali fil-piena. Dan anzi kien kaz fejn, fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata l-hati ***“delayed his plea until the final moment “.*** Inoltre dan kien kaz fejn hu kien inqabad “**red-handed”** mill-Pulizija fir-rigward tal-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu w ftit li xejn seta' jaghmel hlief jammetti l-htijiet tieghu.

Qieset ukoll il-kondotta tal-hati kif ukoll iz-zmien li hu lahaq ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dawn l-akkuzi, b'dan li jigi osservat li mhux korrett l-abbli difensur meta jghid li l-fedina penali tal-hati hija wahda nadifa w dan ghaliex, apparti xi infrazzjonijiet tal-ligijiet tat-traffiku, hu kien gja nstab hati ta' serq aggravat u kien gie liberat b' kondizzjoni.

Qieset ukoll il-piena li nghatat minn din il-Qorti f'kazijiet analogi recentement  biex ikun jista' jinzamm certu proporzjon u relativita' fil-piena ghal dak li jirrigwarda l-gravita' tar-reat in kwantu l-kwantita' w purita' tad-droga, ir-recidivita' o meno, il-fedina penali, meta jkun hemm ammissjoni bikrija, w b' mod specjali meta ikun jew ma jkunx applikabbli l-artikolu 29 tal-Kap. 101, u dana bil-ghan li jkun hemm certa uniformita' f'sentenzi li jirrigwardaw  din il-marterja.

Illi ghalkemm l-abbli difensur iccita diversi sentenzi ta' din il-Qorti biex javalla il-pozizzjoni tal-hati dwar il-piena u f' dan ghamel emfasi fuq xi kazijiet partikolari, gja fuq imsemmija, din il-Qorti, kif preseduta, fil-waqt li ttenni li kull kaz ghandu fattispecji differenti w partikolari, tipprova dejjem taghmel ezercizzju minuzzjuz biex tikkalibra l-pieni relattivi f' dawn il-kazijiet ta' droga, fejn il-ligi taghtiha diskrezjoni esagerata. Dan l-ezercizzju f' xi kazijiet gie disturbat mill-istess Prosekuzzjoni meta qablet li kellha tinghata piena ferm inqas milli normalment tinghata kif ukoll meta sentenzi taghha gew varjati fir-rigward tal-piena biss minn Qorti superjuri. Ghalhekk xi eccezzjonijiet fl-applikazzjoni ta' piena uniformi ma ghandhomx jittiehdu bhala r-regola generali.

Fl-ahhar nett tosserva li in linea generali, ftit jaghmel sens li, wara li l-Avukat Generali ikun ezercita d-diskrezzjoni assoluta tieghu, fil-bidu tal-kumpilazzjoni, li jiddeciedi li l-kaz jigi finalment processat u deciz  minn din il-Qorti, ghax ovvjament ikun irid li tinghata piena in eccess ghal dik li taqa' fil-kompetenza tal-Qrati tal-Magistrati, li , wara erba snin ta' stennija li fihom ikunu inhlew hafna rizorsi umani, spejjez zejda, jkun inhela sforz u hin ta' din il-Qorti biex jinghataw sentenzi fuq eccezzjonijiet preliminari w anki forsi hin tal-Qorti tal-Appell Kriminali ghall-istess skop, li fl-ahhar mument u lejliet il-guri, jippatteggja fuq piena li wara kollox tkun tirrientra fil-kompetenza tal-Qrati tal-Magistrati. Dan s' intendi qed jinghid in linea generali ghax jistghu ikun hemm kazijiet fejn dan ikun gustifikat ghax ikunu zviluppaw cirkostanzi fejn tali agir ikun gust, ekwu w

necessarju. Dan pero' ma jidhirx li hu wiehed minn dawn il-kazijiet.

Ghaldaqstant, wara l qieset dan kollu w wara li rat l-artikoli 8(a)(b),12, 14, 15A 20, 22(1)(a)(f) (1A) (1B) (2)(a)(i)(aa),(3A)(c)(d) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-Regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39), u l-Artikoli 17(b)(h), 20, 23, 326 (1) (c), 264 (1) (2) u 533 tal-Kap 9, kif ukoll l-artikolu 3(1), 19 u 27 tal-Kap.66 tal-Ligijiet ta' Malta, (li kien vigenti meta sehh ir-reat fir-raba' kap) tikkundanna lill-hati Nazzarene Muscat ghall-piena komplessiva ta' ghaxar snin u sitt xhur prigunerija, b'dana li minn dan il-periodu jrid jinqata' kull zmien li hu ghamel taht arrest preventiv BISS in konnessjoni ma dawn ir-reati kif ukoll li jhallas multa ta' hamsa w ghoxrin elf Ewro (€25,000) u, jekk din il-multa ma tithallasx minnufieh, tigi awtomatikament konvertita fi' tmintax (18) il-xahar prigunerija ohra skond il-ligi, kif ukoll li jhallas is-somma ta' elf, tmin mija w wiehed u disghin Euro w sbatax il-centezmu (€ 1891.17c), import ta' nofs l-ispejjez tal-perizji li l-ezitu taghhom kien jirrigwarda kemm lilu w lill-ko-akkuzat kif ukoll l-ispejjez intieri tal-perizji li l-ezitu taghhom kien jirrigwarda biss lill-hati (u dan skond l-iskeda annessa ma dis-sentenza) a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-hati.

Tordna ukoll id-distruzzjoni tal-istess droga esebita a kura tad-Deputat Registratur ta' din il-Qorti bl-assistenza tal-Ispizjar Mario Mifsud, sakemm, fi zmien hmistax il-jum mil-lum l-Avukat Generali b'Nota ma jinfurmax lil din il-Qorti li ghandu bzonn li din id-droga tigi prezervata ghal skop ta' xi proceduri ohra kontra terzi w b'dan li l-istess Deputat Registratur ghandu jirraporta b'verbal lil din il-Qorti meta din id-droga tkun giet hekk distrutta,

Tordna li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

SPEJJEZ PERITALI

Common N.Muscat
Omissis

Rel. ta' Dr. Anthony Cutajar LM502.68
LM434.24
Rel ta' Martin Bajada LM161. 96

Rel ta' l-Ispizjar Mifsud LM 57. 33

Rel tal-Brigadier M. Calleja LM
48. 00

Rel ta' P.S. 1374 Edgar Dalli LM 17. 50

Rel P.C. 453 Brian Cassar LM83. 00

Rel Hugh Camilleri
LM69. 50

Rel tal-Perit Richard Aquilina LM63. 60

Total LM383.39 LM620.18
LM434.24

½ LM191.70
LM191.70

**Total** **LM811.88**
**LM625.94**

**€1891.17**
**€1458.05**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------